*Teresa* 10:3 (2013)

# Imsejħin għall-qadi tal-komunità Nisranija permezz tal-ministeru saċerdotali

## Il-ħasil tas-saqajn tal-aħwa kollha: il-liturġija u l-vokazzjoni f'*Optatam Totius*, *Presbyterorum Ordinis* u *Christus Dominus*

*Fr Hector Scerri*

Kap tad-Dipartiment tat-Teoloġija Dommatika fl-Università ta' Malta, President tal-Kummissjoni Teoloġika Interdjoċesana u tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana, Teologu Ċensur tal-Arċidjoċesi, Lettur tad-Dommatika fis-Seminarju t'Għawdex u Direttur tal-Fondazzjoni għall-Istudji Teoloġiċi

***Fardal li jifhem, għalhekk jixxotta;***
***fardal li jieħu fuqu, għalhekk jidħol bejn is-swaba;***
***fardal li jgħaddi bil-ħlewwa minn fuq xi ferita,***
***imma fl-istess ħin jipprepara r-riġlejn għall-pass li jmiss.***

### 1. Daħla: Azzjoni profetika li ttenni ruħha – il-ħasil tas-saqajn

Il-punt tat-tluq u l-punt tal-wasla tagħna f'dan l-artiklu jikkonverġu fl-ikona straordinarja ta' Ġesù, il-Midluk tal-Missier bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, fil-ġest profetiku ta' ħasil is-saqajn tad-dixxipli tiegħu. Is-silta mill-Evanġelju skont San Ġwann (13:1-20)[1] hija waħda mimlija verbi li jindikaw azzjoni. F'dan jispikkaw il-versi 4 u 5: "*Qam* minn fuq il-mejda, *neħħa* l-mantar minn fuqu, *ħa* fardal u *rabtu* ma' qaddu. Imbagħad *ferragħ* l-ilma fil-lenbija, u *beda jaħsel* saqajn id-dixxipli u *jixxuttahomlhom* bil-fardal li kellu ma' qaddu": fiha xejn anqas minn seba' azzjonijiet li l-Evanġelista jagħtina biex jiddeskrivi bl-akbar reqqa

[1] Ara kummentarji dwar l-Evanġelju skont San Ġwann, ngħidu aħna Francis J. Moloney, *The Gospel of John*, Sacra Pagina 4, Liturgical Press, Collegeville/mn 1998, 370-379.

l-azzjoni profetika ta' Ġesù, azzjoni li, minħabba r-radikalità tagħha, taħsad lid-dixxipli, partikularment lil Pietru (13 : 6-9).

Dan l-artiklu jiffoka fuq tliet dokumenti tal-Konċilju Vatikan II: id-digrieti *Christus Dominus* dwar l-uffiċċju pastorali tal-Isqfijiet (28 ta' Ottubru 1965), *Optatam Totius* dwar il-formazzjoni tas-saċerdoti (28 ta' Ottubru 1965) u *Presbyterorum Ordinis* dwar il-ministeru u l-ħajja tal-Presbiteri (7 ta' Diċembru 1965). Dan l-artiklu la jfittex li jagħti sintesi tal-kontenut ta' dawn id-digrieti konċiljari, u lanqas ma hu xi studju komparattiv jew sinottiku tagħhom. Dwar id-dokumenti konċiljari nkitbu mijiet ta' xogħlijiet f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Minflok, minħabba l-għan u n-natura speċifika ta' din ir-rivista, se nkun qiegħed niffoka fuq aspett ċentrali u partikulari fil-ħajja u l-ministeru tal-isqfijiet u tal-presbiteri, u ta' dawk li qegħdin fil-mixja tal-formazzjoni saċerdotali – il-qadi tal-aħwa kollha f'rabta intrinsika mal-liturġija li huma jiċċelebraw.

Il-kmand ta' Ġesù Kristu lid-dixxipli tiegħu huwa ċar: "Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll. ...Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom" (Ġw 13:14-15.17). Din is-silta rriflettejna dwarha kemm-il draba fit-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej, fil-bidu tat-Tridu tal-Għid, kif ukoll bosta drabi fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Ordni Sagri. It-tliet digrieti konċiljari li huma s-suġġett ta' dan l-artiklu kollha jirreferu kemm-il darba għall-qadi tal-Poplu ta' Alla. Hemm element qawwi, u fl-istess ħin kommoventi, fl-ikona mlewna li jagħtina San Ġwann fis-silta tal-Evanġelju li semmejna (13:1-20). Fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-lenbija tinsab f'idejn l-Arċisqof

> li jqiegħda taħt ir-riġlejn ta' dak is-saċerdot li fuqu jkun jixtieq isawwab ilma li jiffriska, inaddaf, idewwi. U dak l-ilma jaqa' fil-lenbija ...ilma issa mimli b'dak kollu li ġġib magħha l-ħajja saċerdotali, għejja, xogħol, dgħufija, ħeġġa, storja, u min jaf, x'aktar! Dik il-lenbija, l-Arċisqof jerġa' jpoġġiha taħt riġlejn saċerdot ieħor u dak l-ilma li jaqa' minn tat-tieni jitħallat ma' tal-ewwel, fl-istess lenbija fejn isiru ħaġa waħda. U dik il-lenbija tibqa' tilqa' fiha u tgħaqqad is-saċerdoti kollha f'saċerdozju wieħed quddiem il-Missier, bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu. Il-fardal, dejjem marbut ma' qadd l-Arċisqof, isegwi dak li għandhom bżonn dawk ir-riġlejn, dak is-saċerdot, il-bżonnijiet ta' dak li hu "meħud minn fost il-bnedmin

u mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla". Fardal li jifhem, għalhekk jixxotta; fardal li jieħu fuqu, għalhekk jidħol bejn is-swaba; fardal li jgħaddi bil-ħlewwa minn fuq xi ferita imma fl-istess ħin jipprepara r-riġlejn għall-pass li jmiss.[2]

## 2. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija: Għajn ta' vokazzjonijiet għall-ministeru ordnat fil-Knisja

Fl-ewwel enċiklika tiegħu, *Deus Caritas Est*, il-Papa Benedittu XVI jisħaq fuq ir-rabta bejn il-liturġija u t-tweġiba ta' kull Nisrani lil Alla. Huwa jgħallem li "fil-liturġija tal-Knisja, fit-talb tagħha, fil-komunità ta' dawk li jemmnu, aħna nġarrbu l-imħabba ta' Alla, nilmħu l-preżenza tiegħu u hekk ukoll nitgħallmu nagħrfuha fil-ħajja ta' kuljum. Kien hu l-ewwel li ħabbna u jibqa' l-ewwel li jħobbna; għalhekk aħna wkoll nistgħu nweġbuh bl-imħabba".[3] Dan il-kliem nistgħu napplikawh għal dawk li kuljum qegħdin iwieġbu lil Alla, huma u jgħixu l-vokazzjoni tagħhom bħala seminaristi fil-formazzjoni saċerdotali tagħhom, jew bħala presbiteri, jew isqfijiet. Permezz tad-don tal-grazzja ta' Alla fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, dawn l-irġiel li għadna kemm semmejna jagħmlu ħilithom li jwieġbu bil-qalb għas-*sequela Christi* fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Fl-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu *Pastores Dabo Vobis*, il-Papa Ġwanni Pawlu II jitkellem dwar ir-rabta li hemm bejn iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija u l-vokazzjoni għall-qadi fil-Knisja permezz tal-ministeru ordnat. Huwa jelabora dwar id-dimensjoni pedagoġika tal-liturġija, filwaqt li jsejħilha *skola mill-aqwa* fejn dawk li qegħdin iwieġbu għas-sejħa ta' Alla fil-ministeru ordnat jistgħu jagħmlu dan. Huwa jgħid li

> l-liturġija hi esperjenza ħajja tad-don ta' Alla u skola mill-aqwa tat-tweġiba li tingħata lis-sejħa ta' Alla. B'dan il-mod, kull ċelebrazzjoni liturġika, u qabel kollox, iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, turina l-wiċċ veru ta' Alla, isseħibna fil-misteru tal-Għid, jiġifieri f'dik is-"siegħa" li għaliha Ġesù ġie fid-dinja u lejha mexa b'rieda sħiħa u b'mod ħieles f'att ta' ubbidjenza għas-sejħa tal-Missier (ara Ġw 13); u turina wkoll wiċċ il-Knisja bħala poplu ta' saċerdoti u komunità magħquda fija nfisha bil-ħafna kariżmi u l-ħafna vokazzjonijiet tagħha li jaħdmu flimkien għall-ġid ta' kulħadd.[4]

---

[2] Dun Frans Abdilla, "Lil Ħuti Saċerdoti", f'*Lilkom Presbiteri* 12 (Settembru-Ottubru 2010) 11.
[3] Papa Benedittu XVI, Ittra Enċiklika *Alla huwa Mħabba* (25 ta' Diċembru 2005) 17.
[4] Papa Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Pastores Dabo Vobis* (25 ta' Marzu 1992) 38.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, u partikularment l-Ewkaristija, tistimola u tħeġġeġ lil dawk li qegħdin jitħejjew għall-ministeru ordnat, kif ukoll lill-presbiteri u lill-isqfijiet fl-għixien tal-vokazzjoni tagħhom bil-ferħ u b'ġenerożità kbira. Fil-Messaġġ tiegħu għas-37 Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet iċċelebrat fis-sena 2000, il-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb li "dak li jemmen isib fl-Ewkaristija mhux biss il-muftieħ biex jifhem l-eżistenza tiegħu, imma wkoll il-kuraġġ biex ipoġġiha fil-prattika, tabilħaqq li jibniha, fid-diversità tal-kariżmi u l-vokazzjonijiet, il-ġisem uniku ta' Kristu fl-istorja".[5] Dan it-tagħlim tal-Papa Pollakk li ġie mogħti l-ġieh ta' l-altari jitfa' dawl prezzjuż fuq ir-rabta ħajja bejn it-tweġiba għas-sejħa minn Alla u s-sagrament tal-Ewkaristija. Dan inkomplu nifhmuh, minn hawn u ftit ieħor, meta nisiltu xi partijiet mid-Digriet *Optatam Totius* dwar il-formazzjoni tas-saċerdoti. L-Ewkaristija, kif se naraw, tħeġġeġ il-kandidati għall-Ordni Sagri biex iwieġbu għall-vokazzjoni li Alla jkun qed jagħmlilhom biex iħallu kollox u jimxu warajh, u tagħtihom l-enerġija biex jimxu fit-triq tal-formazzjoni.

Fl-istess Messaġġ, il-Papa Ġwanni Pawlu II jirrifletti fuq l-esperjenza tad-dixxipli ta' Għemmaws li għarfu 'l Ġesù fil-kelma tiegħu u fil-qsim tal-ħobż. Dan il-Papa jistqarr li "f'dawk il-qlub mkebbsa nistgħu naraw l-istorja u l-iskoperta ta' kull vokazzjoni, li mhijiex emozzjoni transitorja, imma għarfien aktar żgur u aktar b'saħħtu li l-Ewkaristija u l-Għid tal-Iben jridu jsiru dejjem aktar l-Ewkaristija u l-Għid tad-dixxipli tiegħu".[6] Ta' min ninnutaw ċerti espressjonijiet li juża l-Papa: *qlub imkebbsa; l-istorja u l-iskoperta ta' kull vokazzjoni*; u *mhijiex emozzjoni transitorja*. Din il-laqgħa mal-Mulej li jagħmel kull min iwieġeb għas-sejħa saċerdotali tinsab fil-qalba ta' kull sejħa. Fil-ġenesi ta' kull vokazzjoni saċerdotali hemm relazzjoni ħajja bejn qaddej u l-Imgħallem tiegħu. Il-qaddej jisma' l-vuċi tal-Imgħallem, jirrifletti fuq dak li sema', jitlob, jieħu parir, jagħmel dixxerniment, jilqa' l-istedina u jkompli jitlob biex isostni dik is-sejħa.[7] Il-preżenza reali fl-Ewkaristija tgħin lill-kandidat għas-saċerdozju biex jagħraf aħjar in-natura tas-sejħa tiegħu, u jifhem aħjar li s-sejħa tissarraf fl-għotja ta' kuljum.

Il-liturġista Taljan Achille Triacca (1935-2002) isostni li l-liturġija hija *luogo di vocazione*:[8] fi kliem ieħor, fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, il-

[5] Papa Ġwanni Pawlu II, Messaġġ għas-37 Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet, 2: ara *L'Osservatore Romano* (edizzjoni Ngliża, 1 ta' Diċembru 1999) 2.
[6] *Ibid.*
[7] Ara Hector Scerri, "Liturgy and catechesis at the genesis of the call to the priesthood", f'*Seminarium* 46 (2006) 201.
[8] Ara Achille Triacca, "Liturgia", f'Dizionario di Pastorale Vocazionale, a cura del Centro Internazionale Vocazionale Rogate, Ruma 2002, 624.

vokazzjoni – kemm ta' min għadu fil-formazzjoni inizjali, kif ukoll min ilu jgħix il-mixja vokazzjonali tiegħu bħala presbiteru u isqof – tkompli tixxettel u tirċievi sosteniment. Iċ-ċelebrazzjoni liturġika, minnha nfisha twassal għall-qadi. Naturalment, din il-verità tgħodd għal kull membru tal-Poplu ta' Alla li jieħu sehem attiv u ħaj fil-liturġija. Hawn, f'dan l-artiklu, qegħdin naraw kif il-ħajja tas-seminarista, tal-presbiteru u tal-isqof – fid-dawl tad-digrieti konċiljari *Optatam Totius, Presbyterorum Ordinis* u *Christus Dominus* – hija minsuġa mal-liturġija li twassalhom biex kuljum jagħtu ħajjithom biex jaqdu lil ħuthom il-bnedmin.

2.1 *Optatam Totius. Iffurmati mill-Ewkaristija*

Id-Digriet dwar il-formazzjoni saċerdotali *Optatam Totius* jgħid li

> is-Seminarji Maġġuri huma meħtieġa għall-formazzjoni saċerdotali. Bihom l-edukazzjoni kollha tal-istudenti trid timmira biex tagħmilhom tassew rgħajja tal-erwieħ fuq il-mudell ta' Sidna Ġesù Kristu, Saċerdot u Ragħaj. Għalhekk huma għandhom jitħejjew għall-ministeru tal-kelma billi jifhmu dejjem aħjar il-kelma rivelata ta' Alla, jagħmluha tagħhom bil-meditazzjoni, ifissruha b'kelmithom u b'ħajjithom; jitħejjew għall-ministeru tal-kult u tat-tqaddis billi bit-talb u biċ-ċelebrazzjonijiet imqaddsa tal-liturġija jkomplu l-opra tas-salvazzjoni permezz tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku u tas-Sagramenti; jitħejjew għall-ministeru ta' rgħajja billi jagħrfu jirrappreżentaw fost il-bnedmin lil Kristu li "ma ġiex biex ikun moqdi iżda biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mk 10:45; ara Ġw 13:12-17) u jagħrfu jsiru l-ilsiera ta' kulħadd biex jirbħu lil ħafna (ara 1 Kor 9:19).[9]

Minn dan jidher ċar li dawk li qegħdin jitħejjew biex jaqdu lill-komunità Nisranija bħala presbiteri għandhom isammru l-attenzjoni u l-impenn tagħhom fuq Kristu li hu l-mudell *per eċċellenza* ta' kull presbiteru. Ġesù huwa s-Saċerdot il-Kbir tal-Patt il-Ġdid li jibqa' għal dejjem. Huwa fl-istess ħin is-Saċerdot u l-Vittma. Huwa ta lilu nnifsu b'mod sħiħ u perfett – għax l-ubbidjenza tiegħu lill-Missier hija sħiħa u perfetta – fil-Misteru tal-Għid tiegħu meta "hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar" (Ġw 13:1). Il-kandidati għas-saċerdozju jimxu 'l quddiem u jikbru fil-formazzjoni tagħhom billi l-kelma ta' Alla u ċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija jkunu fiċ-ċentru tal-ħajja

[9] Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Digriet dwar il-formazzjoni saċerdotali *Optatam Totius* (28 ta' Ottubru 1965) 4. F'dan l-artiklu, qed jintużaw konsistentement it-testi konċiljari ppubblikati bil-Malti mill-Moviment Azzjoni Soċjali fil-volum *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Edizzjoni Studia, Malta 1982.

tagħhom. Dan mhux sempliċi dover jew ordinament fis-seminarju Maġġuri, imma għandu jsir għalihom l-istil ta' ħajjithom, dak li jmexxihom, in-nifs tagħhom u t-taħbit ta' qalbhom. Id-Digriet *Optatam Totius*, meta jitkellem dwar il-formazzjoni spiritwali tal-kandidati għas-saċerdozju jisħaq fuq ir-relazzjoni tagħhom mal-Mulej, l-aktar permezz tat-talb fuq l-Iskrittura Mqaddsa, is-sehem tagħhom fl-Ewkaristija u fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat. Barra minn dan, l-istess dokument jagħmel emfasi dwar il-formazzjoni tal-kandidati fl-ekkleżjalità billi jikbru fir-rabta mal-isqof djoċesan li, wara l-ordinazzjoni saċerdotali, jagħtihom il-mandat – li huma jilqgħu b'ubbidjenza – biex jaħdmu f'postijiet u oqsma differenti tad-djoċesi. Il-kandidati għas-saċerdozju

> għandhom ikunu mgħallma jfittxu lil Kristu fil-meditazzjoni fidila tal-kelma ta' Alla, fis-sehem attiv tagħhom fil-Misteri mqaddsa tal-Knisja u qabel xejn fl-Ewkaristija u fl-Uffiċċju divin; ifittxu lil Kristu fl-Isqof tagħhom li jibgħathom għand il-bnedmin u jfittxuh fil-bnedmin li fosthom jintbagħtu, l-iżjed fil-fqar, fiż-żgħar, fil-morda, fil-midinbin u f'dawk li ma jemmnux. ...Is-seminaristi għandhom ikunu mgħallma jgħixu skont il-mudell tal-Evanġelju, jitwettqu fil-fidi, fit-tama u fil-karità, b'mod li fit-taħriġ ta' dawn il-virtujiet jiksbu spirtu ta' talb, isaħħu l-virtujiet l-oħra, u jikbru fil-ħeġġa biex jirbħu l-bnedmin kollha għal Kristu.[10]

Kien fid-dawl ta' *Optatam Totius* u tad-dokumenti post-konċiljari dwar il-formazzjoni saċerdotali li s-Seminarju Maġġuri tal-Arċidjoċesi ta' Malta ppubblika għadd ta' dokumenti li jservu ta' gwida għall-formazzjoni saċerdotali fil-kuntest lokali. Wieħed minn dawn id-dokumenti jismu *Mixja Flimkien fi Kristu Ragħaj*. Fis-sezzjoni dwar il-formazzjoni spiritwali, naqraw li

> iċ-ċentru tal-ħajja fis-Seminarju għandha tkun iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Is-sehem attiv tas-seminaristi f'din iċ-ċelebrazzjoni huwa s-sigriet ta' Ewkaristija li tfisser ħafna għall-ħajja tagħhom. ... Il-laqgħat mal-Imgħallem Ġesù fl-adorazzjoni tal-Ewkaristija huma skola mill-isbaħ ta' formazzjoni għas-seminaristi. Il-kappella għandha tkun il-post li s-seminaristi jiffrekwentaw ta' spiss għax hemmhekk isibu "l-Verità, it-Triq u l-ħajja".[11]

Dokument ieħor tas-Seminarju huwa *Ir-Regola Personali tal-ħajja.*

---

[10] *Optatam Totius*, 8.
[11] *Mixja Flimkien fi Kristu Ragħaj*, Seminarju tal-Arċisqof, Malta 1997, 22.2.1 u 22.2.2.

F'elaborazzjoni fuq dak li għadna kemm rajna fid-Digriet konċiljari, id-dokument lokali jissuġġerixxi li kull seminarista "qabel kollox jagħżel paġna tal-Bibbja, (li) aktar ma tkun kristoloġika (ikun) aħjar, li trid isservih bħala ikona li fuqha jibni l-ħajja tiegħu għal żmien determinat, skont il-każ u l-għażla tal-individwu... Hu minn hawn li trid titfassal mixja preċiża għall-ħajja tal-individwu li tipprova tiġbor fiha l-aspetti kollha tal-ħajja".[12]

Bħal dokumenti oħra formattivi minn Knejjes jew Konferenzi Episkopali oħra, *Ir-Regola Personali tal-ħajja* tagħmel emfasi fuq iċ-ċentralità tal-kelma ta' Alla u fuq iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti. Dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, dan id-dokument ta' formazzjoni, anke permezz tal-istil li bih hu miktub, jgħin lis-seminarista biex jidentifika lilu nnifsu ma' dak li qiegħed jiġi propost lilu. Tintuża l-ewwel persuna tas-singular biex min jaqra u jikkommetti ruħu, aktar faċilment jidħol fl-ispirtu tar-*Regola*:

> Aktar ma jmur aktar irrid inpoġġi fiċ-ċentru ta' ħajti ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Dan ifisser li l-atteġġjamenti ta' Ġesù quddiem ir-rieda tal-Missier isiru l-atteġġjamenti tiegħi (ara Fil 2:5); l-imħabba ta' Kristu ssir il-mod kif jien nibni relazzjoni mal-oħrajn; hekk kif il-ġisem ta' Kristu nqasam u d-Demm tiegħu xtered għalija, hekk jien irrid ngħix il-ġranet tiegħi għall-ġid tal-oħrajn. Nagħmel sforz biex inkun naf aħjar ir-rit tal-Quddiesa u nieħu sehem b'mod sħiħ fiċ-ċelebrazzjoni. ... Fuq kollox irrid nara li kull darba li nieħu sehem fl-Ewkaristija, ruħi tkun tassew imħejjija u ppurifikata biex tiltaqa' ma' Ġesù. Dan flimkien max-xewqa u r-rieda li ħajti tkun tassew imfassla fuq dak li jkun iċċelebrat...
> It-talba ta' adorazzjoni, li permezz tagħha npoġġi lili nnifsi quddiem Ġesù: quddiemu nitlob li nagħraf it-tifsira u l-prezz tal-preżenza reali ta' Ġesù: għax ħabb sal-aħħar ried jagħti lilu nnifsu għalija u għal kulħadd. Anke jien imsejjaħ biex nagħmel bħalu. Li nadura l-Ewkaristija jfisser li *nħalli li niġi ffurmat* mill-misteru ċċelebrat fil-quddiesa, nimita lil Ġesù, nitgħallem mill-mixja ta' ubbidjenza lejn ir-rieda tal-Missier.[13]

Dokument ieħor mill-Knisja lokali, did-darba ffukat fuq il-formazzjoni spiritwali jgħid li "l-Ewkaristija għandha tkun iċ-ċentru tal-ħajja tan-Nisrani, imma partikularment ta' dak li qed iwieġeb għas-

[12] *Ir-Regola Personali tal-Ħajja*, Seminarju tal-Arċisqof, Malta 1998, 2.
[13] *Ibid.*, 5-6.

sejħa għas-saċerdozju ministerjali. Hu jrid jitgħallem biex ma' Kristu u fi Kristu jagħmel minn ħajtu offerta sħiħa lil Alla fl-għotja tiegħu fil-Knisja".[14]

2.2 *Presbyterorum Ordinis. Fl-ispirtu ta' Kristu*

Dawn l-atteġġjamenti spiritwali li għadna kemm rajna fis-sezzjoni ta' qabel jsawru qalb saċerdotali fil-kandidat għall-Ordinazzjoni presbiterali. Ikun tajjeb li nkomplu niffukaw fuq kif it-talb u l-liturġija, jum wara l-ieħor, jagħmlu mill-presbiteru qaddej awtentiku li, fuq l-eżempju ta' Ġesù, jaħsel saqajn ħutu l-bnedmin u jasal biex anke jagħti ħajtu għalihom. Dan nistgħu narawh f'aktar dettall fid-Digriet tal-Konċilju Vatikan II dwar il-ministeru u l-ħajja tal-Presbiteri, *Presbyterorum Ordinis*. Dwar dan id-dokument inkitbu mijiet ta' kotba, artikli u teżijiet. Mhuwiex possibbli minħabba l-limitazzjonijiet tat-tul f'din ir-rivista li naraw l-influss u l-kontribut tad-dokument kollu kemm hu. Hu għalhekk li fil-bidu ta' dan l-artiklu fissirt l-għażla neċessarja li kelli nagħmel. Fil-każ ta' *Presbyterorum Ordinis* ukoll, se nkun qiegħed niffoka fuq ir-rabta bejn il-kelma ta' Alla, iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija u l-ħajja ta' qadi li huwa msejjaħ jgħix il-presbiteru.

Fit-tieni kapitlu tad-Digriet, "Il-ministeru tal-Presbiteri", il-Padri Konċiljari elenkaw id-dmirijiet tal-presbiteri: ifakkruna li l-presbiteri huma ministri tal-kelma ta' Alla, ministri tas-sagramenti u tal-Ewkaristija, u edukaturi tal-Poplu ta' Alla. Il-presbiteri huma kooperaturi tal-isqfijiet, u għalhekk għandhom id-dmir li jħabbru l-kelma ta' Alla lil kulħadd. Bħala xandara fidili ta' din l-Aħbar, huma jaqsmu t-tagħlim tal-Evanġelju. Id-dokument jgħidilna:

> Għalhekk, kemm meta bl-eżempju ta' ħajja tajba jiġbru l-ġnus ħa jsebbħu l-Mulej, kemm meta bil-predikazzjoni bil-miftuħ tagħhom iħabbru l-Misteru ta' Kristu lil min ma jemminx, kemm meta jagħtu t-tagħlim Nisrani u jfissru d-duttrina tal-Knisja jew iħabirku biex jeżaminaw il-problemi ta' żmienhom fid-dawl ta' Kristu, f'dan kollu dmirhom ma jkunx li jagħtu mill-għerf tagħhom infushom, iżda li jgħallmu l-kelma ta' Alla u jistiednu bil-ħerqa 'l kulħadd għall-konverżjoni u għall-qdusija.[15]

Hawnhekk ukoll huwa ċar li l-missjoni tal-presbiteri fil-Knisja hi li jaqdu l-Poplu ta' Alla billi huma stess ikunu qaddejja tal-kelma ta' Alla. Aktar ma jgħixu b'mod awtentiku din il-kelma "ħajja u qawwija,

[14] *Programm ta' Formazzjoni Spiritwali*, Seminarju tal-Arċisqof, Malta 2004, 4.3.

[15] Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Digriet dwar il-ministeru u l-ħajja tal-Presbiteri, *Presbyterorum Ordinis* (7 ta' Diċembru 1965) 4.

(li) taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar" (Lhud 4: 12), aktar tkun tidher f'ħajjithom, u aktar ikunu ħabbara effikaċi tagħha. Id-Digriet jispjega kif il-presbiteru għandu japplika l-kelma ta' Alla u jfissirha skont iċ-ċirkustanzi li l-Poplu ta' Alla jkun fihom u l-ħtiġijiet tiegħu. Juri wkoll ir-rabta li hemm bejn ix-xandir tal-kelma ta' Alla u l-ministeru tas-sagramenti. Fil-fatt, il-predikazzjoni mħeġġa tħejji t-triq għal-ċelebrazzjoni aktar ħajja u awtentika tas-sagramenti, speċjalment fost dawk in-nies li mhumiex wisq ta' ġewwa mal-liturġija li jiċċelebraw: "il-predikazzjoni tal-Kelma hija meħtieġa għall-istess ministeru tas-Sagramenti, għax dawn huma Sagramenti tal-fidi, u l-fidi tinbet u tissaqqa bil-Kelma. Dan jgħodd l-iżjed għal-liturġija tal-kelma fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa...".[16]

Id-Digriet jitkellem fit-tul dwar il-presbiteru fil-missjoni tiegħu bħala ministru tas-sagramenti u tal-Ewkaristija. Fil-bidu tal-paragrafu 5, il-Padri Konċiljari, ħafif ħafif, jirreferu għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti mill-presbiteru fil-mumenti ewlenija tal-ħajja tal-Insara. Imbagħad, jgħaddu biex jittrattaw fid-dettall il-missjoni tal-presbiteru fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Peress li f'dan is-sagrament, kif jgħid S. Tumas ta' Aquino, jinsab il-ġid spiritwali kollu tal-Knisja – Kristu nnifsu, il-Ħaruf tal-Għid tagħna – l-Insara kollha huma mistiedna jersqu lejn dan is-sagrament biex fih jiltaqgħu wiċċ imb wiċċ mal-Mulej li hu ħaj u rebbieħ. Il-presbiteru, bħala l-president tal-ġemgħa liturġika, għandu dmir speċjali ta' responsabbiltà. Fil-fatt, id-Digriet *Presbyterorum Ordinis* jgħidilna:

> Il-laqgħa ewkaristika, mela, hija ċ-ċentru tal-komunità tal-fidili taħt il-presidenza tal-presbiteru. Għalhekk il-presbiteri għandhom jgħallmu lill-fidili joffru l-vittma qaddisa 'l Alla l-Missier fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa u magħha joffru l-istess ħajja tagħhom. ... Hekk (il-presbiteri)... jgħallmuhom kif jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-liturġija mqaddsa b'mod li fihom isibu mezz ta' talb mill-qalb; imexxuhom biex tul ħajjithom kollha jitħarrġu fl-ispirtu ta' talb dejjem aktar perfett, skont il-grazzji u l-ħtiġijiet ta' kull ruħ.[17]

Dak li qiegħed jagħti ħajtu biex ikun ta' servizz għall-Poplu ta' Alla bħala presbiteru, kif għadna kemm rajna, għandu joffri ħajtu stess f'għaqda mal-offerta tal-ħobż u tal-inbid. Dan fakkarni f'dak li kiteb saċerdot huwa u jirrifletti fuq dan il-mument ferm sinifikattiv waqt il-

[16] *Presbyterorum Ordinis*, 4.
[17] *Presbyterorum Ordinis*, 5.

Quddiesa: "Dejjem kien jolqotni l-mument tal-Offertorju fil-quddiesa. Kont inħoss ir-rabta ta' dan il-mument ma' ħajjitna. Hu l-mument meta toffri lil Alla l-ħidma, il-ferħ u n-niket li jinsġu l-ħajja tagħna. Għalija kien il-mument meta noffri lil Alla l-ħidma saċerdotali tiegħi".[18]

It-tielet Kapitlu tad-Digriet *Presbyterorum Ordinis* jitkellem dwar "Il-ħajja tal-Presbiteri". Wara li f'paragrafu 12 jiġi ttrattat id-dmir li l-presbiteri jixxennqu għall-perfezzjoni u jaħdmu għaliha, fil-paragrafu ta' wara, l-isqfijiet fil-Konċilju ffukaw dwar *kif* il-presbiteru jikber fil-qdusija. Aktar ma jagħmel dan, aktar ikun jixbah lil Ġesù, u għaldaqstant aktar jista' jħaddan il-qadi u jagħmlu l-istil ta' ħajtu. Kif rajna qabel, iċ-ċentralità trid tkun fuq il-kelma ta' Alla u l-Ewkaristija. Fl-istess paragrafu li qegħdin insemmu (13), it-test jibda billi juża espressjoni importanti b'referenza għas-saċerdoti: *l-ispirtu ta' Kristu*. Id-dokument jgħid li l-presbiteri jitqaddsu kemm-il darba jaqdu d-dmirijiet kollha tagħhom "fl-ispirtu ta' Kristu". Wara li jingħad kemm il-presbiteru għandu jilqa' l-kelma ta' Alla qabel ma jxandarha lill-oħrajn, id-Digriet jisħaq fuq l-azzjoni tiegħu meta jiċċelebra *in persona Christi*:

> Bħala ministri tal-ħwejjeġ qaddisa, l-aktar fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, il-presbiteri jaġixxu b'mod speċjali fil-persuna ta' Kristu li ta lilu nnifsu bħala vittma biex iqaddes il-bnedmin; u hu għalhekk li l-presbiteri huma mistiedna biex ifasslu ħajjithom fuq dak li jkollhom f'idejhom ... U b'hekk, waqt li l-presbiteri jingħaqdu mal-att ta' Kristu saċerdot, ta' kuljum joffru lilhom infushom kollha kemm huma lil Alla u, permezz tat-tqarbina tagħhom bil-ġisem ta' Kristu, jieħdu sehem bil-qalb mill-imħabba ta' Dak li jagħti lilu nnifsu bħala ikel lill-fidili.[19]

Minn dan naraw kemm il-presbiteru huwa kontinwament imsejjaħ biex jitwaħħad mal-Mulej li sejjaħlu, u *jibqa' jsejjaħlu kuljum*. Biex il-qadi jkun l-istil ta' ħajtu – dejjem fuq l-eżempju ta' Ġesù li ħasel saqajn id-dixxipli tiegħu – irid ifannad ir-relazzjoni personali tiegħu mal-Imgħallem li sejjaħlu għal warajh. Isir jixbah dejjem aktar lir-Ragħaj it-tajjeb, u bħalu jagħti ħajtu għall-ħrief tiegħu. L-għaqda personali tiegħu ma' Kristu Saċerdot u Vittma, speċjalment waqt li jgħix mill-ġdid (*ri-attwalizzazzjoni*) iċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru tal-Għid flimkien mal-komunità Nisranija, isseħħ fis-sagramenti. Tagħmel minnu wkoll "saċerdot u vittma" tassew, li kuljum jingħata għall-bnedmin kollha. Tant huwa importanti dan l-aspett li d-Digriet *Presbyterorum Ordinis*,

[18] Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, "L-Offertorju... li hu ħajjitna", f'*Mingħajr Velu*, ed. Joe Felice Pace, Klabb Qari Nisrani 77, Media Centre, Malta 2001, 71.
[19] *Presbyterorum Ordinis*, 13.

aktar 'l isfel jerġa' jitkellem dwar il-mezzi li jġibu 'l quddiem il-ħajja spiritwali tal-presbiteru. L-espressjonijiet li nsibu fit-test konċiljari huma mill-ifejn u mill-isbaħ. Kemm ikunu tassew sbieħ u fini dawn l-atteġġjamenti kieku jingħexu b'mod aktar awtentiku mill-presbiteri tad-dinja kollha! Id-Digriet jgħid:

> Biex jibqgħu fidili għall-ministeru tagħhom, ikollhom għal qalbhom il-konverżazzjoni ta' kuljum ma' Kristu l-Mulej fiż-żjajjar u l-qima personali tagħhom lill-Ewkaristija Mqaddsa; ... B'diversi modi, imma l-aktar bit-talb mentali..., u b'ħafna għamliet ta' talb li huma jagħżlu kif iridu, il-presbiteri jfittxu u jitolbu b'ħerqa kbira mingħand Alla dak l-ispirtu ta' adorazzjoni vera li bih huma, flimkien mal-Poplu fdat lilhom, jingħaqdu intimament ma' Kristu...[20]

Hija din l-intimità ta' kuljum mal-Mulej li tagħmel mill-presbiteru xbieha ħajja u *ri-preżentazzjoni* fiż-żmien u fl-ispazju tal-medjazzjoni unika ta' Ġesù Kristu. Ħafna dokumenti tal-Maġisteru Pontifiċju, tad-Dikasteri kompetenti tas-Santa Sede (speċjalment il-Kongregazzjoni għall-Kleru, u dik għall-Edukazzjoni Kattolika u s-Seminarji) u ta' bosta Konferenzi Episkopali jitħaddtu dwar dan l-aspett mill-aktar essenzjali fil-ħajja tal-presbiteri. Dokument ieħor tal-Knisja lokali huwa dak li qed jitħejja biex ikun *Id-Direttorju tal-Kleru*. Dan id-*Direttorju* jibni fuq l-ewwel wieħed li kien approvat fl-1979, u li kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jiġi aġġornat. Waqt li din ir-rivista qegħdha tiġi ppubblikata, id-*Direttorju* għadu fil-fażi tar-redazzjoni, u huwa ttamat li jkun ippubblikat fil-bidu tas-sena 2014. Però dan ma jżommniex milli nirreferu għall-*pre-draft* tiegħu, fejn hemm sezzjoni dwar il-kura tar-relazzjoni tal-presbiteru ma' Alla. Jitkellem dwar ir-relazzjoni konkreta tiegħu ma' Alla, u li huwa msejjaħ biex "jagħmel dak kollu possibbli biex din ir-relazzjoni tinbena u tissaħħaħ. ... Għandu jitlob spiss lil Alla (biex) iferih bl-imħabba tiegħu (ara S. Ġorġ Preca, *Is-Sena tas-Sinjur*, 72). Kristu għandu jkun għalih l-aqwa u l-akbar ħabib, u Ħuh l-aktar għażiż (ara Ibid., *Il-Ktieb il-Kbir*, Konklużjoni). Hekk biss jista' jkebbes fih id-don li ngħatalu bit-tqegħid tal-idejn".[21]

---

[20] *Ibid.*, 18.

[21] Arċidjoċesi ta' Malta, Segretarjat għall-Kleru, *Direttorju tal-Kleru* (*Pre-draft*, Frar 2013) para.7. Għalkemm dan id-dokument lokali għadu mhux uffiċjali u mhux ippubblikat, ħassejt li ma stajtx nibqa' għaddej mingħajr ma nirreferi għall-kontenut tiegħu minħabba l-ispirtu ħaj ta' Vatikan II li bih huwa mdakkar, partikularment id-Digriet *Presbyterorum Ordinis*. Waqt li kien qiegħed jinkiteb dan l-artiklu (Awwissu 2013), il-ħidma fuq id-Direttorju għadha għaddejja, bil-ħsieb li qabel tmiem l-2013 jitressaq għad-diskussjoni quddiem il-Kunsill Presbiterali tal-Arċidjoċesi ta' Malta, bit-tama li lejn il-bidu tal-2014 dan id-dokument ikun f'idejn il-presbiteri Maltin.

F'rabta ma' dak li smajna qabel fir-rigward tal-Quddiesa ta' kuljum, il-*pre-draft* tal-istess dokument għall-Kleru Malti jgħid li

> kull saċerdot hu msejjaħ biex kuljum, mill-qalb u b'devozzjoni jiċċelebra s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa. Dan il-mument għandu jkun ċentrali għas-saċerdot. Irid joqgħod attent ħafna li l-Quddiesa – speċjalment meta mhix l-ewwel waħda fil-ġurnata – tibqa' dejjem laqgħa speċjali tal-qalb tiegħu mal-Qalb ta' Alla, u qatt ma ssir sempliċi ċerimonja, rutina jew piż pastorali. Għalhekk għandu jħabrek biex jersaq għal kull Quddiesa daqs li kieku kienet l-ewwel, l-aħħar u l-unika Quddiesa ta' ħajtu.[22]

2.3 *Christus Dominus. Isqof bil-buqar, biż-żingla u bil-fardal*

Wara li tkellimna fit-tul dwar il-ħajja sagramentali tal-presbiteri f'rabta mal-qadi li huma jagħtu lill-Poplu ta' Alla, issa jonqos li nistudjaw dan l-istess aspett fil-ħajja u fil-missjoni tal-isqfijiet. Id-Digriet tal-Konċilju Vatikan II dwar l-uffiċċju pastorali tal-Isqfijiet, *Christus Dominus,* wieħed irid jaqrah fid-dawl tal-Kostituzzjoni Dommatika Konċiljari dwar il-Knisja, *Lumen Gentium,* speċjalment fejn din titkellem fid-dettall dwarhom (ara paragrafi 20 sa 27). Hawnhekk ukoll, għal raġunijiet ta' spazju, se nkun qiegħed insammar ħarsti fuq l-isqof bħala qaddej, u dan f'rabta maċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija.

Hawnhekk ta' min nagħmlu referenza importanti għal dak li tgħallem il-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Liturġija, *Sacrosanctum Concilium,* meta titkellem dwar l-ogħla espressjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija fid-djoċesi. Il-Konċilju jgħidilna li

> l-isqof għandu jitqies bħala l-Qassis il-kbir tal-merħla tiegħu, li minnu ġejja u b'ċertu mod tiddependi l-ħajja tal-fidili tiegħu fi Kristu. Għalhekk jeħtieġ li kulħadd jagħti l-akbar importanza lill-ħajja liturġika tad-djoċesi madwar l-isqof, l-aktar fil-Knisja Katidrali, fil-konvinzjoni li l-akbar dehra tal-Knisja tinsab fis-sehem sħiħ u ħaj ta' kollha kemm hi l-ġemgħa mqaddsa ta' Alla fl-istess ċelebrazzjonijiet liturġiċi, l-aktar fl-istess Ewkaristija, f'talba waħda, madwar altar wieħed, fejn jippresiedi l-isqof imdawwar mis-saċerdoti u l-ministri tiegħu.[23]

Meta d-Digriet *Christus Dominus* jitħaddet dwar il-missjoni tal-isqfijiet djoċesani, jispjega x'inhi djoċesi – parti mill-Poplu ta' Alla – u jgħid li din hija "fdata lill-ħsieb pastorali tal-isqof mgħejjun

[22] *Ibid.*, para.9.

[23] Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963) 41.

mill-presbiterju tiegħu, hekk li filwaqt li tibqa' marbuta mar-ragħaj tagħha u magħquda fl-Ispirtu s-Santu permezz tal-Evanġelju u tal-Ewkaristija Mqaddsa, tifforma Knisja partikulari li fiha tinsab preżenti u attiva l-Knisja ta' Kristu, waħda, qaddisa, kattolika u appostolika".[24] Huwa f'dan il-kuntest ekkleżjali li l-isqfijiet jaqdu l-missjoni tagħha li essenzjalment hija waħda ta' xandir tal-kelma ta' Alla, ta' presidenza waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, u ta' tmexxija fuq l-eżempju tar-Ragħaj it-tajjeb li jfittex in-nagħġa l-mitlufa u li jagħti ħajtu għall-merħla.

Wara li jitkellem dwar id-dmir kateketiku tal-isqfijiet, id-Digriet jisħaq dwar id-dmir tagħhom li jqaddsu l-Poplu ta' Alla fdat f'idejhom għax, permezz tal-ordinazzjoni episkopali, huma għandhom il-milja tas-sagrament tal-Ordni Sagri. Minħabba li għandhom dan id-don partikulari – il-milja tal-Ordni – minnhom jiddependu l-presbiteri u d-djakni li huma stess jordnaw, bit-tqegħid ta' idejhom u permezz tat-talba konsagratorja rispettiva. Id-Digriet ikompli jgħallem li

> l-isqfijiet għalhekk huma d-dispensaturi ewlenin tal-misteri ta' Alla u fl-istess ħin dawk li jirregolaw, iġibu 'l quddiem u jħarsu l-ħajja liturġika kollha fil-Knisja (lokali) fdata lilhom. Jagħmlu għalhekk ħilithom kollha sabiex il-fidili, permezz tal-Ewkaristija, jagħrfu dejjem aktar fil-fond u jgħixu l-Misteru tal-Għid sabiex jiffurmaw ġisem mibni f'għaqda sħiħa, fl-unità tal-karità ta' Kristu.[25]

F'rabta ma' dak li għidna qabel meta semmejna l-quċċata tal-ħajja liturġika fid-djoċesi (ara *Sacrosanctum Concilium*, 41), nifhmu li wieħed mill-modi kif l-isqof djoċesan jaqdi l-Poplu ta' Alla huwa fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, li ssir għajn ta' qadi awtentiku u eżempju li jiddi lill-presbiteri, id-djakni, il-membri ta' ħajja kkonsagrata u l-lajċi, fuq l-eżempju ta' Kristu li ħasel saqajn id-dixxipli tiegħu lejlet l-għotja sħiħa tiegħu fuq is-Salib. Dan il-qadi tal-isqof jiġġenera xmara ta' qadi – fuq livelli differenti – fid-djoċesi tiegħu, għax kull wieħed, skont il-ministeru, il-kariżma u r-rwol tiegħu, isir hu wkoll qaddej tal-aħwa.

Hemm ġrajja fil-ħajja u l-esperjenza ta' Mosè u tal-Poplu ta' Alla li huwa għal kollox partikulari ħafna. Wara li Mosè jagħmel esperjenza mistika ta' Alla fuq il-muntanja, l-awtur tal-ktieb tal-Eżodu jgħidilna li:

> meta niżel minn fuq il-muntanja tas-Sinaj biż-żewġ twavel tax-xhieda f'idu, Mosè ma kienx jaf li l-ġilda ta' wiċċu kienet tiddi billi

[24] Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Digriet dwar l-uffiċċju pastorali tal-Isqfijiet, *Christus Dominus* (28 ta' Ottubru 1965) 11.
[25] *Christus Dominus*, 15.

qorob lejn Alla. U meta Aron, u l-ulied kollha ta' Iżrael raw lil Mosè bil-ġilda ta' wiċċu tiddi, beżgħu jersqu lejh. Iżda Mosè sejħilhom, u resqu lejh... u Mosè qagħad ikellimhom... Meta Mosè temm jitkellem magħhom, għatta wiċċu b'velu. Imma meta kien jidħol quddiem il-Mulej biex jitkellem miegħu, Mosè kien ineħħi l-velu sa ma kien joħroġ... Meta wlied Iżrael kienu jħarsu lejn Mosè, kienu jarawlu l-ġilda ta' wiċċu tiddi, u Mosè kien jerġa' jqiegħed il-velu fuq wiċċu sa ma jerġa' jidħol jitkellem mal-Mulej (Eż 34:29-35).

Kull meta kien jidħol b'ruħu u ġismu fil-preżenza ta' Alla l-ħaj, Mosè kien jgħaddi mill-esperjenza li għadna kemm rajna d-dettalji tagħha. Għalih kienet *esperjenza trasformanti*. Tant kien jimtela spiritwalment bil-preżenza tal-Mulej li d-dehra fiżika ta' wiċċu kienet tarmi d-dija. Dak li hu kien ikun għex, f'mumenti partikulari, b'mod hekk intimu u profond ma' Alla kien jestendi ruħu fil-ħin ta' wara. Irreferejt għal din is-silta għax iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija wkoll hija trasformanti għall-isqof u għal kull Nisrani. Dak li aħna ngħixu spiritwalment waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ma jiqafx meta noħorġu mill-knisja. *Għandu* jkompli fl-esperjenzi l-oħra kollha tal-ħajja, u jagħtihom togħma differenti. Min jiċċelebra l-Ewkaristija u jidħol 'il ġewwa fiha, ma jistax jibqa' l-istess jew indifferenti. Għax il-qawwa ħajja ta' Kristu Rxoxt, preżenti sagramentalment taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid, tassew tittrasforma l-bniedem. L-isqof – il-qaddej tal-qaddejja tal-komunità Nisranija – għandu dan ir-rwol partikulari fi ħdan il-komunità ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba.

Il-Papa Benedittu XVI, fl-Eżortazzjoni Appostolika tal-2007 dwar l-Ewkaristija, *Sacramentum Caritatis*, juża espressjoni li tkompli ssaħħaħ dak li qegħdin ngħidu. Jissellef eżempju straordinarju mill-enerġija nukleari biex jiddeskrivi l-qawwa tal-Ewkaristija fuq l-Univers:

> 'Ġesù 'jiġbidna lejh'. Il-bidla sustanzjali tal-ħobż u tal-inbid fil-Ġisem u d-Demm tiegħu tintroduċi fil-ħolqien il-prinċipju ta' bidla radikali, bħal 'fissjoni nukleari' (*nuclear fission*), biex nuża xbieha li hija familjari għalina llum, li tinfed sal-qalba ta' kollox; din hija bidla li ġġib proċess li jittrasforma r-realtà, proċess li fl-aħħar mill-aħħar iwassal għat-trasfigurazzjoni tad-dinja kollha, sal-punt li Alla jkun kollox f'kollox (ara 1 Kor 15:28).[26]

Din hija l-qawwa tal-Ewkaristija, il-ġisem veru u d-Demm veru ta' Kristu Rxoxt li huwa tassew preżenti bir-ruħ tiegħu u bid-divinità tiegħu. Issa, fid-dawl ta' dak li għidna dwar il-missjoni speċifika tal-isqof

fil-komunità djoċesana, nifhmu aħjar li r-rwol tiegħu bħala *l-liturġista prinċipali* fil-Knisja lokali huwa li permezz taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-Knisja katidrali u fil-parroċċi u f'postijiet oħra, huwa juri li qiegħed hemm biex jaqdi, u biex iħeġġeġ u janima lill-membri l-oħra kollha tad-djoċesi biex jaqdu lil ħuthom. Għalhekk, huwa importanti li nifhmu li l-isqof, għalkemm jippresiedi (u *jippontifika*, għax huwa l-*pontifex*, il-qassis il-kbir) u narawh fuq il-katedra minn fejn huwa jgħallem f'isem Kristu, narawh fiċ-ċentru tal-altar liebes paramenti mill-ifjen, huwa jibqa' essenzjalment il-qaddej *per eċċellenza* tal-membri kollha tal-Knisja. F'dan il-kuntest, ma nistax ma nsemmix silta evokattiva ħafna mill-esperjenza u mill-ħajja tal-Isqof Tonino Bello (1935-1993) tad-djoċesi ta' Molfetta ġewwa l-Italja. Infakkar f'dik is-silta (Ġw 13:1-20) li bdejt biha dan l-artiklu meta dħalna mal-Mulej... fil-kamra ta' ġewwa... il-kamra tal-intimità... il-kamra fejn Ġesù ħasel saqajn id-dixxipli tiegħu, inklużi saqajn dak li kien se jittradih. Bello, li ħareġ bil-frażi emblematika 'l-Knisja tal-fardal', jistqarr:

> Il-Knisja, li torbot il-fardal, bi ħwejjiġha merfugħa 'l fuq, qisha xbieha li għandha wisq mill-qaddejja, ma tixraqx il-kobor tagħha: bil-maqlub, hi xbieha mill-isbaħ. Għall-ordinazzjoni saċerdotali, is-sorijiet tal-lokal jew il-ħbieb tawna bħala rigal spellizza, stola rrakkmata bid-deheb... iżda ħadd ma tana fardal jew xugaman. Madankollu dan hu l-ilbies waħdieni saċerdotali mfakkar fl-Evanġelju. *Il-Knisja tal-fardal* tistedinna biex nikkonvertu minn rasna sa saqajna: mill-Erbgħa tar-Rmied fuq ir-ras għall-ħasil tas-saqajn, mir-ras tagħna nfusna sas-saqajn tal-oħrajn. Skont l-Evanġelju, Ġesù "qam u libes ħwejġu mill-ġdid", iżda *ma neħħiex ix-xugaman*, żammu fuqu. L-istola tad-djaknu (li jilbisha la ġenbha, bħala sinjal ta' qadi) ma għandha qatt tinbidel.[27]

Silta oħra li tkompli titfa' dawl fuq il-konvinzjoni ta' Tonino Bello dwar dan l-aspett hija din: "Meta kont maħtur isqof, daħħlu ċ-ċurkett f'sebgħi u tawni l-baklu bejn idejja, il-Bibbja u xeddewli l-mitra. Huma simboli tal-isqof. Kien ikun tajjeb li... jingħataw lill-isqof buqar, żinġla u fardal. Biex jaħsel saqajn id-dinja ... Int, Knisja, aħsel saqajn id-dinja, imbagħad tħabbilx rasek: l-Ispirtu ta' Alla jwassal il-vjaġġaturi kollha fejn irid hu".[28]

## 1. **Agħtuhom intom x'jieklu. Is-solidarjetà ta' Alla**

Fid-dawl tas-suġġett ta' dan l-artiklu fejn qegħdin nirriflettu dwar

[26] Papa Benedittu XVI, Eżortazzjoni Appostolika *Sacramentum Caritatis* (22 ta' Frar 2007) 11.
[27] Isqof Tonino Bello, *Il-Knisja tal-Fardal. Antoloġija ta' Ħsibijiet*, Klabb Qari Nisrani 75, Media Centre, Malta 2000, 95.
[28] *Ibid.*, 43.

il-qadi f'rabta mal-liturġija fl-isfond tad-digrieti konċiljari *Optatam Totius*, *Presbyterorum Ordinis* u *Christus Dominus*, il-Mulej kontinwament jistieden lil dawk li ngħataw il-kariżma tal-qadi permezz tal-ordinazzjoni sagramentali biex jinvolvu ruħhom b'mod sħiħ fis-sagrifiċċju Ewkaristiku, hekk li dan mhux biss jimla l-ħajja tagħhom, imma jittrasformahom u jagħmilhom bnedmin *għall*-oħrajn. Qabel ma Ġesù għamel il-miraklu meta tema' l-folla li kienet bil-ġuħ, huwa ried jinvolvi d-dixxipli tiegħu: "Agħtuhom intom x'jieklu" (Lq 9:13). F'dan il-miraklu li huwa antiċipazzjoni u sinjal minn qabel tal-Ewkaristija, Ġesù ried *jirresponsabbilizza* lid-dixxipli tiegħu. L-Ewkaristija mhijiex biss rigal li l-Mulej ta lilna, il-Poplu tiegħu, biex jibqa' magħna. Hija wkoll *responsabbiltà qawwija*. L-Ewkaristija ma tħallix lis-seminarista, il-presbiteru jew lill-isqof f'qagħda newtrali. L-Ewkaristija tagħtihom stimolu u enerġija spiritwali biex jaqdu jagħtu ħajjithom. Fid-Diskors qabel it-talba tal-*Angelus*, nhar it-2 ta' Ġunju 2013, il-Papa Franġisku qal: "Id-dixxipli raw imma ma fehmux il-messaġġ. Kienu maħkuma, bħall-folla, mill-entużjażmu tas-suċċess. Għal darb'oħra jimxu bil-loġika umana u mhux b'dik ta' Alla, li hija dik tal-qadi, tal-imħabba, tal-fidi. Il-festa ta' *Corpus Domini* titlob minna li nikkonvertu fil-fidi fil-Providenza, li nkunu nafu naqsmu bejnietna l-ftit li aħna u li għandna, u li ma ningħalqu qatt fina nfusna".[29]

Id-Digriet *Christus Dominus* tal-Konċilju Vatikan II jelabora dwar kif l-isqfijiet jistgħu jaqdu aħjar il-knejjes lokali fdati f'idejhom. Fil-fatt, id-dokument jinsisti li "huma u jaqdu l-uffiċċju tagħhom ta' missirijiet u rgħajja, l-isqfijiet, fost il-poplu tagħhom, għandhom iġibu ruħhom bħal dawk li jaqdu (ara Lq 22:26-27), bħala rgħajja tajbin li jagħrfu n-ngħaġ tagħhom u n-ngħaġ tagħhom jagħrfu lilhom, bħala missirijiet tassew li jingħażlu għall-ispirtu tagħhom ta' karità u ta' żelu għal kulħadd".[30] F'dan is-servizz fi ħdan il-Knisja huma jkunu partikularment qrib tal-presbiteri billi jaqsmu magħhom l-inkwiet pastorali tagħhom u jakkumpanjawhom meta jħossu l-qtigħ il-qalb u t-toqol tal-missjoni ekkleżjali. L-isqfijiet jgħixu l-qadi li għalih huma msejħa billi jkunu qrib tal-membri kollha tad-djoċesi, speċjalment dawk li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' sfidi kbar, jew jinsabu fit-truf fiżiċi jew spiritwali tal-Knisja. Il-qadi tal-isqfijiet jidher ukoll fl-appoġġ tagħhom lill-għaqdiet tal-appostolat tal-lajċi, u l-apprezzament tagħhom għal din il-ħidma fil-Knisja.[31]

---

[29] Papa FRANĠISKU, Diskors qabel it-talba tal-*Angelus*, Vatikan (2 ta' Ġunju 2013). Ara http://www.laikos.org/ Papa_Franġisku_Angelus_02062013.htm (sit aċċessat 31.7.2013).
[30] *Christus Dominus*, 16.
[31] Ara *ibid.*, 16-17.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, partikularment is-sagrament tal-Ewkaristija, tagħti enerġija spiritwali lil dawk li qegħdin jitħejjew għas-saċerdozju, lill-presbiteri u lill-isqfijiet biex permezz tal-grazzja tal-Mulej dak li huma jemmnu u jistqarru (*fides quae creditur*) isir impenn fil-ħajja, impenn eżistenzjali fil-Knisja u fis-soċjetà (*fides qua creditur*). Hu għalhekk li huwa importanti li l-ħajja Nisranija ta' dawn il-persuni msejħin biex jaqdu l-Poplu ta' Alla permezz tal-ministeru ordnat tkun *spiritwalment* integrata u *magħġuna mill-Ispirtu l-Qaddis.*[32] Il-qalb tagħhom[33] imsaħħa bil-virtujiet, qalb li tassew tħobb, temmen u tittama, tagħmel li dak li huma jistqarru, jitgħallmu u jgħallmu jsir *esperjenza ħajja li tagħti l-ħajja*. Ma jibqgħux tavla minquxa jew ktieb stampat. Isiru ittra ħajja. Il-qalb tagħna – magħġuna u mżejna mill-virtujiet – issir it-tempju ħaj fejn nistqarru l-fidi, fejn niċċelebraw liturġija Ewkaristika awtentika, attiva u parteċipata, u fejn il-morali Nisranija twassalna biex ngħixu l-ħelsien veru li jagħtina Ġesù Kristu Rxoxt u ħaj.

L-omelija tal-Papa Franġisku, fit-30 ta' Mejju 2013, nhar is-Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, fiha ħafna x'wieħed jixtarr. Il-konklużjoni ta' din l-omelija tgħinna nifhmu aħjar it-tema ta' dan l-artiklu:

> Il-lejla, għal darb'oħra, il-Mulej iqassmilna l-ħobż li hu ġismu, Hu jingħata bħala don lilna. U anki aħna nħossu din is-"solidarjetà ta' Alla" mal-bniedem, solidarjetà li ma tispiċċa qatt, solidarjetà li ma tiqafx tgħaġġibna: Alla jersaq qrib tagħna, fis-sagrifiċċju tas-Salib jitbaxxa biex jidħol fid-dlam tal-mewt ħalli jagħtina l-ħajja tiegħu, li tirbaħ il-ħażen, l-egoiżmu u l-mewt. Ġesù anki l-lejla jingħata għalina fl-Ewkaristija, jaqsam fl-istess mixja tagħna, anzi, isir ikel, l-ikel tassew li jmantni l-ħajja tagħna anki fil-mumenti fejn it-triq issir iktar iebsa, dik tas-servizz, tal-kondiviżjoni, tal-għotja, u dak il-ftit li għandna, dak il-ftit li aħna, jekk naqsmuh, isir għana, għax il-qawwa ta' Alla, li hi dik ta' l-imħabba, tinżel fil-faqar tagħna biex tibdlu.

---

[32] Dwar is-sejħa universali għall-qdusija, ara Hector Scerri, "Seeking Sanctity in our Contemporary World", f'*The Way* 50/2 (2011) 85-93, speċ. 87-88.

[33] Jean Corbon (1924-2001), Dumnikan u aktar tard membru tar-Rit Grieg Kattoliku, espert tal-liturġija u tal-ekumeniżmu, għalliem fl-Universitajiet ta' St Joseph, Beirut u St Esprit, Kaslik, fil-Libanu. Corbon, li ta kontribut importanti fir-redazzjoni tar-Raba' Parti tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, jistarr: "It is through the prayer of the heart that liturgy becomes life. This is the personal threshold that must be crossed and at which everything is decided, but it also represents a call to which we find it hard to respond... We pray as we live, and we live as we love... Only in the heart are we ourselves; only there do we become ourselves. The heart is the place of authentic encounter with ourselves, with others, and, above all, with the living God" (Corbon, *The Wellspring of Worship*, reprint, Wipf and Stock Publishers, Eugene/or 2001, 143).

Mela l-lejla ejjew nistaqsu lilna nfusna, aħna u nqimu lil Kristu preżenti realment fl-Ewkaristija: Qed inħallih jibdilni? Lill-Mulej li jingħata għalija, qed inħallih imexxini biex noħroġ dejjem iżjed minn wara l-ħajt tiegħi, biex noħroġ u ma nibqax ningħata, naqsam, inħobb lilu u lill-oħrajn?

Ħuti: *sequela*, komunjoni, kondiviżjoni. Nitolbu biex is-sehem tagħna fl-Ewkaristija jservi dejjem biex iqanqalna: biex nimxu wara l-Mulej kuljum, biex inkunu strumenti ta' komunjoni, biex naqsmu miegħu u mal-proxxmu tagħna dak kollu li aħna. Hekk l-eżistenza tagħna tħalli tassew frott għammiel.[34]

## 2. **Konklużjoni**

Minn dan li rajna f'dan l-artiklu fir-riflessjoni li għamilna dwar dawk imsejħin biex jaqdu fil-Knisja permezz tal-grazzja sagramentali tal-Ordni Sagri, huwa ċar li l-pedament tal-ħajja ta' dawn l-irġiel li qed joffru lilhom infushom lil Alla u lill-Poplu tiegħu, huwa l-qadi – qadi diżinteressat, ġeneruż u pro-attiv. Fil-biċċa l-kbira, ikkonċentrajna fuq aspetti magħżula mid-digrieti konċiljari *Optatam Totius*, *Presbyterorum Ordinis* u *Christus Dominus*, b'xi referenzi għal materjal ieħor relatat li jgħin biex wieħed jifhem u japprezza l-konverġenza ta' dawn it-tliet dokumenti. Huwa u joqrob il-ħamsin anniversarju ta' dawn it-tliet digrieti, fl-2015, tkun ħaġa mill-aktar opportuna li l-qarrejja ta' din ir-rivista jaqraw it-testi sħaħ tagħhom, li għalkemm għadda tant żmien fuqhom, u ġew ippubblikati bosta dokumenti postkonċiljari dwar l-istess suġġett, xorta waħda jibqgħu prezzjużi u ta' dawl lill-komunità ekkleżjali kollha.

Rajna wkoll kif iċ-ċelebrazzjoni awtentika tal-liturġija tħalli ħafna frott, speċjalment fl-għażla impenjattiva ta' kuljum ta' qadi li hija tnissel fl-isqfijiet, il-presbiteri u dawk li qegħdin fil-mixja formattiva li twassalhom għall-Ordni Sagri. Il-kmand ta' Ġesù Kristu lid-dixxipli tiegħu huwa ċar: "Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll. ... Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom" (Ġw 13:14-15.17). Jibqa' jidwi sal-aħħar taż-żmien. Jibqa' jistenna tweġiba ħajja.

[34] Papa Franġisku, Omelija nhar is-Solennità ta' Corpus Domini, Bażilika tal-Lateran, Ruma (30 ta' Mejju 2013). Ara http://www.laikos.org/Papa_Frangisku_Omelija_Korpus_30052013.htm (sit aċċessat 31.7.2013).

## Biblijografija


BELLO Tonino, *Il-Knisja tal-fardal*, Klabb Qari Nisrani 75, Media Centre, Malta 2000.

BORGONOVO Graziano – Kryszof CHARAMSA, a cura di, *Percorsi di formazione sacerdotale*, I. *Perché si generi la "forma Christi"*, Libreria Editrice Vaticana, Città del Vaticano 2005.

CONFERENZA EPISCOPALE ITALIANA, *La formazione dei presbiteri nella Chiesa italiana. Orientamenti e norme per i seminari*, Libreria Editrice Vaticana, Città del Vaticano 2007.

*Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Edizzjoni Studia, Malta 1982.

MANENTI Alessandro – Stefano GUARINELLI – Hans ZOLLNER, ed., *Formation and the Person. Essays on Theory and Practice*, Peeters Press, Leuven – Paris – Dudley/MA 2007.

*Mixja Flimkien fi Kristu Ragħaj. Dokument dwar il-formazzjoni fis-Seminarju tal-Arċidjoċesi ta' Malta*, Seminarju tal-Arċisqof, Malta 1997.

O'COLLINS Gerald, *Living Vatican II. The 21st Council for the 21st Century*, Paulist Press, New York – Mahwah/nj 2006.

*Programm ta' Formazzj*[...] Seminarju tal-Arċis[...] 2004.

RATZINGER Joseph, [...] *Highlights of Vatican* [...] Press, New York – [...] 2009.

*Qassis, agħraf lile*[...] *Riflessjoni dwar l-identi*[...] *Djoċesan f'Malta*, Sem[...] Arċisqof, Malta 2006.

*Ir-Regola Personali* [...] Seminarju tal-Arċis[...] 1998.

SCERRI Hector, "Li[...] catechesis at the genes[...] to the priesthood", f'*Se*[...] (2006) 185-217.

STENNICO Tommaso, [...] *Il Concilio Vaticano II* [...] *profezia*, Libreria Editri[...] Città del Vaticano 199[...]

TETTAMANZI Dionig[...] *spirituale del prete*, Pie[...] Monferrato 2002.